MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1339/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Multigas Ltd. u l-istess Multigas Ltd. f'isimha proprju**

**Vs**

**Massimiliano Maurizio**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici tablet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm213 (mitejn u tlettax-il Lira Maltin) bhala danni ikkawzati f'incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-somma komplessiva ta' Lm213 (mitejn u tlettax-il lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nominee fuq vettura JAN

888 assigurata comprehensive u ghal liema soma l-attur nominee jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Multigas Ltd. U dan b'rizultat ta' habta li grat fil-5 ta' Settembru 2001, go Ta' Xbiex Terrace waqt li int kont qed issuq il-vettura JAF 526 hbatt mal-vettura JAN 888 ta' Multigas Ltd. u misjuqa minn Jan Zammit, u ghal liema incident int kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2001 u tal-20 ta' Frar, 2003, u bl-imghax tat-8% fuq Lm213 mis-16 ta' Ottubru 2001 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-lum rikjesta mill-ligi kontra Citadel Insurance plc., assiguraturi tal-konvenut, inkluz Lm15 konsult, u Lm38-97 konsistenti Lm8-50 ghall-prezentata tal-Ittra Ufficjali datata 20 ta' Frar 2003, Lm5 ghall-prezentata tar-rikors ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u Lm12.50 ghall-istess pubblikazzjoni u affissjoni; u Lm 12-97 ghall-pubblikazzjoni fil-gazetta "The Times"; kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma sehhetx b'tort tal-konvenut, izda b'tort tas-sewwieq tal-karozza tas-socjeta` assikurata Multigas Ltd., kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk il-konvenut ma hu responsabbli ghal ebda hlas ta' dan.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jirrizulta li x-xhieda prodotti mill-atturi ma gewx kontestati da parti tal-konvenut illi naqas li jipproduci xi tip ta' xhieda. Il-versjoni moghtija mix-xufier tal-assigurat tal-attur hija plawsibbli u verosimili fic-cirkostanzi. It-Tribunal ma jiskontra l-ebda kontribuzzjoni fl-operat tieghu.

Illi d-danni ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu accettati.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici u jichad l-eccezjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta’ mitejn u tlettax-il Lira (Lm213) bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------